



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

---

**2012/2103(INI)**

29.11.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, futur bl-enerġija  
(2012/2103(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lena Kolarska-Bobińska

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għall-Enerġija 2050 u l-għan tiegħu li jiżgura li ċ-ċittadini Ewropej kollha jkollhom aċċess ugwali u universali għal provvista sostenibbli tal-enerġija;
2. Jenfasizza l-ħtieġa li l-applikazzjoni tal-obiettivi dwar il-klima tiġi rrikonċiljata mal-ħtieġa għal tkabbir sostenibbli u kompetittiv u sigurtà tal-enerġija fi ħdan ir-reġjuni; jiddispijaċi hufna, f'dan ir-rigward, li l-pjan direzzjonali huwa bbażat biss fuq xenarji tal-UE kollha kemm hi, ma jippreżentax l-effett ta' għażliet ta' politika fuq l-Istati Membri individwali, u ma jqisx iċ-ċirkostanzi speċifiċi fil-livell lokali u reġjonali; jemmen li l-involviment tagħhom fl-istadji u l-proċeduri tal-implimentazzjoni kollha huwa essenzjali biex il-koeżjoni territorjali tinżamm u tissaħħa;
3. Jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-Grupp Konsultattiv tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li l-għażliet kompensatorji u s-sinerġiji potenzjali bejn it-tnaqqis fil-livell tal-karbonju, is-sigurtà tal-provvista u l-kompetittività, taħt kull xenarju, jiġu indirizzati espliċitament u jsiru trasparenti;
4. Jinkoraġġixxi bil-qawwa l-idea li jiġu integrati l-konklużjonijiet tad-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni "Reġjuni 2020 – Evalwazzjoni u sfidi li se jikkonfrontaw ir-reġjuni tal-UE" dwar l-importanza li jiġi kkunsidrat ukoll il-potenzjal tar-reġjuni l-aktar imbiegħda fil-qasam tal-provvista tal-enerġija fis-snin li ġejjin;
5. Jenfasizza li kull azzjoni futura dwar l-enerġija jeħtiġilha tapplika kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet bejn ir-reġjuni Ewropej, fil-qies taċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom;
6. Jemmen li jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lil dawk ir-reġjuni fejn il-faħam għadu s-sors predominanti tal-enerġija u/jew fejn il-produzzjoni tal-faħam u l-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam huma sorsi reġjonali vitali ta' impjegi; jemmen li hemm bżonn ta' miżuri soċjali addizzjonali, appoġġjati minn miżuri qawwija ifil-livell tal-UE, biex is-swieq tax-xogħol reġjonali jkunu jistgħu jadattaw ruħhom għall-impjegi u t-taħriġ ekoloġiċi u biex ix-xenarji tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 jiġu aċċettati mill-popolazzjonijiet ta' dawn ir-reġjuni; jemmen li jeħtieġ li ssir l-għażla tal-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-iffrankar tal-enerġija, bi qbil mal-miri tal-2020;
7. Jemmen li l-proposti għal Pjan Direzzjonali għall-Enerġija għandhom ikunu appoġġjati mill-finanzjament xieraq tal-programmi speċifiċi u li l-politika ta' koeżjoni m'għandhiex titqies bħala sostitut għal finanzjament bħal dan; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tista' tappoġġja ċerti oqsma ta' azzjoni, bħal effiċjenza fl-enerġija, bħala sors addizzjonali ta' appoġġ finanzjarju, iżda biss fejn il-programmi in kwistjoni jippromwovu objettivi tal-politika ta' koeżjoni;

8. Jenfasizza li ħafna mix-xenarji tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija mhux se jkunu possibbli mingħajr żieda fil-konnettività u l-iżvilupp ta' grids ta' distribuzzjoni intelliġenti tal-elettriku u l-gass, kif ukoll il-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira ħafna; jemmen li, minbarra l-proġetti transkonfinali, l-Unjoni għandha tadotta miżuri biex tappoġġa dan it-tip ta' ħolqien jew rinnovazzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija intelliġenti loakli u reġjonali;
9. Jemmen li sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-reġjuni tal-fruntieri esterni tal-UE billi jiġi appoġġjat in-netwerking u l-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-enerġija ġodda b'kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien;
10. Jinnota li l-projezzjonijiet futuri kollha tal-enerġija, inkluż il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija, huma bbażati fuq suppożizzjonijiet inċerti dwar żviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi; jenfasizza, għalhekk, li l-għażliet u l-programmi kollha ta' politika, inklużi dawk konnessi mal-politika ta' koeżjoni, għandhom ikunu suġġetti għal reviżjoni u aġġustament kontinwu u bbażati fuq l-iktar suppożizzjonijiet prudenti possibbli;
11. Jenfasizza li l-klima ekonomika attwali tenfasizza l-bżonn li jiġi adottat approċċ integrat għall-kwistjonijiet tal-enerġija billi jitqiesu kif jixraq l-aspetti ekonomiċi, ambjentali u soċjali tagħhom; jemmen li huwa essenzjali li tingħata attenzjoni għall-effetti kollaterali ta' benefiċċju u negattivi meta jsir ix-xogħol sabiex jiġi żgurat, fit-terminu medju u twil, li ċ-ċittadini Ewropej kollha jkollhom aċċess għal enerġija sigura, sostenibbli u affordabbli;
12. Jemmen – minħabba li kull xenarju tal-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija juri li l-prezzijiet tal-enerġija se jiżdiedu matul is-snin li ġejjin – li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar azzjoni mmirata biex tiżgura li ż-żidiet fil-prezzijiet ikunu proporzjonati mal-livelli differenti tad-dħul tal-familji madwar l-Ewropa u tipprevjeni li l-faqar fl-enerġija jiżdied fl-Ewropa;
13. Jinnota li l-kundizzjonijiet ġeografiċi differenti jagħmluha impossibbli li tiġi applikata politika tal-enerġija b'daqgħal wieħed għal kulħadd għar-reġjuni kollha; mingħajr ma jwarrab il-kriterji ta' azzjoni komuni, jemmen li kull reġjun Ewropew għandu jitħalla jsegwi pjan individwali indirizzat lejn is-sitwazzjoni u l-ekonomija, jiżviluppa dawk is-sorsi ta' enerġija li jistgħu jissodisfaw bl-aktar mod effikaċi l-għanijiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 u jfakkar li l-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli b'mod partikolari għandha rwol ċentrali f'termini ta' żvilupp u impjieg f'żoni rurali; jistieden, għalhekk, lir-reġjuni biex jiżviluppaw u jimplementaw strateġiji tal-enerġija, u biex jikkunsidraw li jinkludu l-enerġija fl-istrateġiji tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom għal speċjalizzazzjoni intelliġenti; jemmen li, abbażi ta' din l-ispeċjalizzazzjoni, l-UE għandha tkejjel l-għanijiet tal-enerġija Ewropea fuq l-iskala tal-UE kollha kemm hi, minflok miri nazzjonali;
14. Jiddispijaċih li l-Kummissjoni ma implimentatx ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Konsulenza dwar il-Pjan Direzzjonali 2050 evalwat mill-pari; jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ verżjoni aġġornata tal-Pjan Direzzjonali li jieħu inkunsiderazzjoni dawk ir-rakkomandazzjonijiet.
15. Ifakkar li d-dimensjoni reġjonali tal-isfida tal-enerġija hija determinata ħafna mill-għażliet nazzjonali li jikkonċernaw it-taħlita enerġetika kif ukoll l-iżvilupp fl-infrastruttura tal-

enerġija; jenfasizza għalhekk il-bżonn li l-UE tiżviluppa politika komuni ġenwina dwar l-enerġija, li tiżgura t-tħaddim tas-suq intern u s-sikurezza tal-provvista tal-enerġija u li tkun valida għar-reġjuni kollha;

16. Jappoġġja ftehim globali dwar it-tibdil fil-klima, iżda jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Pjan Direzzjonali ma jipproponix xenarju fejn ma jintlaħaq l-ebda ftehim bħal dan; jenfasizza r-riskju ta' rilaxx tal-karbonju għall-industrija peżanti tal-Ewropa u l-effett tiegħu fuq l-iżvilupp reġjonali u l-koeżjoni soċjali;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta dwar kif tista' tiżdied l-effiċjenza fil-mobilizzazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-UE u r-reġjuni tagħha billi ssir ħidma għal sistema ta' inċentivi komuni għall-UE kollha għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, li jkunu jippermettu l-mobilizzazzjoni ta' tip speċifiku ta' sorsi rinnovabbli tal-enerġija f'dawk ir-reġjuni tal-UE, fejn huma l-aktar kosteffiċjenti, u, għalhekk, ikun hemm prezzijiet tal-elettriku irħas; jemmen li f'perjodu ta' żmien medju, jistgħu jinħolqu gruppi ta' swieq għall-produzzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-livell reġjonali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.11.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 35 -: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Victor Boştinaru, John Bufton, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Tomasz Piotr Poręba, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Březina, Andrea Cozzolino, Ivars Godmanis, Karin Kadenbach, Lena Kolarska-Bobińska, Heide Rühle, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter